**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *FIS'D – Formazione integrata superiore del design għandha tbati l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

3) *L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 243, 11.08.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Novembru 2014 – Mayaleh vs Il-Kunsill**

**(Kawżi magħquda T-307/12 u T-408/13)** ([1])

***("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Funzjonijiet ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja — Rikors għal annullament — Komunikazzjoni ta' att li għandu miżuri restrittivi — Terminu tar-rikors — Ammissibbiltà — Drittijiet tad-difiża — Smigħ xieraq — Obbligu ta' motivazzjoni — Oneru tal-prova — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Proporzjonalità — Dritt għall-proprjetà — Dritt għall-ħajja privata u tal-familja — Applikazzjoni ta' restrizzjonijiet fil-qasam ta' dħul lil ċittadin ta' Stat Membru — Moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni")***

(2014/C 448/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Adib Mayaleh (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: G. Karouni u C. Dumont, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. P. Hix u V. Piessevaux, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali, l-ewwel nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2012/256/PESK, tal-14 ta' Mejju 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 126, p. 9), it-tieni nett, tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 410/2012, tal-14 ta' Mejju 2012, li jimplementa l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 126, p. 3), it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK, tad-29 ta' Novembru 2012, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li thassar id-Deċiżjoni 2011/782/PESK (ĠU L 330, p. 21), ir-raba' nett, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 363/2013 tat-22 ta' April 2013 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 111, p. 1, rettifika fil-ĠU L 127, p. 27), il-ħames nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, tal-31 ta' Mejju 2013, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 147, p. 14).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors fil-Kawża T-307/12 huwa miċħud.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors fil-Kawża T-408/13.*

3) *Adib Mayaleh huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 272, 8.9.2012.